# L-Ewwel Isqof Ghawdxi f'Malta Mons. Gejtanu Pace Forno

MINN MONS. PROF. A. BONNICI

**Imwieled f'Ghawdex fil-5 ta' Gunju 1809, kien bin l-Avukat Franġisku u n-Nobbli Luċija de'Baroni Forno ta' Palermu. Ta' xi 15-il sena daħal novizz mal-Patrijiet Agostinjani u studja f'Napli, Fermo u Ruma, fejn ġie ordnat qassis. Minħabba l-kultura tiegħu, nħatar Lettur u Reggent tal-Istudji f'xi kunventi tal-Italja u Majjistru f'Malta u fl-aħħar sar Superjur tal-Istudji f'Palermo. Imsejjaħ hawn Malta fl-1847, ġie nominat Provinċjal tal-Komunità Maltija.**

## ISIR ISQOF

Fil-25 ta' Settembru 1857 laħaq Isqof titulari ta' Hebron u ġie kkonsagrat f'Ruma mill-Kardinal Vigarju Kostantinu Patrizi fl-4 ta' Ottubru. Gie Malta bħala Isqof Kugitur ta' Mons. Publju Sant, bil-jedd għas-suċċessjoni. Ma damx Kugitur, għax tliet xhur wara, fit-3 ta' Diċembru, Mons. Sant, xwejjaħ ta' 78 sena, irtira għall-ħajja privata fid-dar tiegħu tal-Belt. Miet 7 snin wara.

Mons. Pace Forno għamel l-ingress sollenni tiegħu fil-31 ta' Mejju 1858. F'din l-okkazjoni li Storja timmarka inċident. Sir John Pennefather, Lt. Commander tat-Truppi, irrifjuta li jagħti s-salut ta' l-artillerija, bħalma kien soltu jsir f'okkazjonijiet bħal dik. In-nies għaddew din iċ-ċaħda bħala nsult u pprotestaw bil-qawwi. Il-"Colonial Office" u l-"War Office", infurmati mill-Gvernatur John Gaspard Le Marchant, urew issogħba tagħhom għall-inċident u regħgħu tennew l-ordni li l-Gwardja Militari għandha tagħti lill-Arċisqof, bħala wieħed mill-aqwa dinjita' fil-Gzira, l-istess salut li jingħata lill-Brigadier-General.

Bħala Isqof Mons. Pace Forno kellu x-xorti li jieħu sehem fil-laqgħa tal-Isqfijiet tad-dinja li saret fl-1862 ġo Ruma fl-okkazjoni tal-kanonizżazzjoni tal-Martri Gappunizi, kif ukoll li jattendi l-Ewwel Konċilju Vatikan, li sar fl-1869-70. Fuq din il-grajja tkellimna ġa f'artiklu ieħor tagħna.

## MOHH MIFTUH U QALB HANINA

Mons. Pace Forno kien bniedem ta' moħħ miftuħ għall-kultura u ta' qalb ħanina għall-fqar, u għalhekk fis-sena 1848, meta kien Provinċjal Malta, fetaħ skola b'xejn għat-tfal foqra fil-Kunvent Agostinjan tal-Belt u baqa' Rettur tagħha sa ma laħaq Isqof. Wara li sar Isqof huwa ħaseb biex tingħata kultura akbar lis-seminaristi f'żewġ sezzjonijiet: is-Seminarju l-Maġġur għall-kbar fil-Furjana u s-Seminarju Minuri għaż-Żgħar fl-Imdina, impjega fihom għalliema mill-aħjar; zied li studji tal-elokwenza, tal-letteratura latina u taljana, tal-ilsna grieg u lhudi, u rriforma li studju tal-Iskrittura Mqaddsa. Wara din ir-riforma skolastika, il-Papa Piju IX għogbu jagħti l-privilegg li tingħata l-lawrja tat-Teoloġija fis-Seminarju.

Dan l-Isqof wera qalb ta' missier lejn l-ulied spiritwali tiegħu. Fis-sena 1865 skuppjat f'Malta l-kolera li ġiet minn Lixandra u billi ndunaw biha tard, laħqet xterrdet ġmielha. Il-Gvern ħa l-mizuri tard u sakemm intemmet, laħqu mietu biha f'erba' xhur 1,873 ruħ. L-Isqof għin spiritwalment u finanzjarment lill-fqar milquta b'dik il-marda kerha.

## ID-DJOCESI TA' GHAWDEX

Kien fi żmien Mons. Pace Forno li l-Knisja ta' Għawdex ġiet smembrata minn dik ta' Malta fi djoċesi għaliha direttament dipendenti mis-Santa Sede. Wara talba li saret lis-Santa Sede fl-1860, Papa Piju IX wera li kien ser jilqa' t-talba tal-Għawdxin u jaħtar Isqof, jew Vigarju Appostolku fil-Gżira ta' Għawdex. Fl-1863 l-Arċipriet tal-Knisja-Omm ta' dik il-Gzira, Dr. Mikiel Buttigieg ġie ordnat Isqof ta' Lita u nominat Isqof Awżiljari ta' l-Isqof Pace Forno. Fis-16 ta' Settembru 1864 sar li smembrament bil-Bolla "Singulari amore", u, sitt ijiem wara, Mons. Buttigieg ġie nominat Isqof tad-Djoċesi l-Gdida.

Il-Ħamrunizi għandhom dejn ta' gratitudni lejn l-Isqof Pace Forno, għaliex hu għin ħafna biex tinbena l-knisja parrokkjali, li ġiet iddedikata lil San Gejtanu, qaddis ismu. Il-Pawlini jafulu l-kalċi taddeheb imżewwaq b'45 brillant u 6 rubini, li hu kien qala' min għand il-Kardinal De Reisach, u li hu rregala lill-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt. Il-Karkarizi jfakkru lill-Isqof Pace Forno għaliex ġieb lill-kanonċi il-privileġġ li jilbsu s-salib tad-deheb. Huwa ġieb l-istess privilegg lill-kanonċi tal-Għarb f'Għawdex.

## UNURI U MEWT

Kif kien jixraqlu għattieba tiegħu, għal ġid li għamel u għall-interess li wera għal dak kollu li hu sabiħ u tajjeb, Isqof Pace Forno rċieva titoli u unuri mistħoqqa. Inħatar Kavallier tal-Ordni l-Aktar Distint tal-Imperatur Franġisku I, irċieva t-titlu ta' Patrizju Ruman. Il-Papa nnominah Prelat Domestiku u Assistent għat-Tron Papali.

Meta kien sejjer Ruma miet ta' 65 sena f'Castellamare di Stabbia ħdejn Napli fit-22 ta' Lulju 1874. Wara 16-il xahar, il-katavru ta' Mons. Pace Forno ġie ttrasportat Malta fuq il-vapur "Etna". Wasal fit-23 ta' Novembru 1858, tqiegħed fil-knisja ċkejkna tas-Sagra Familja fix-Xatt ta' Pintu, mnejn ittieħed b'"korteo" sabiħ għall-Katidral. Hawnhekk ġie milqugħ mis-suċċessur tiegħu l-Isqof Karmenu Scicluna u ndifen f'qabar fil-kappella ta' S. Publju.

"Sic transit gloria mundi".